TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Patrick u Josette Galea**

**vs**

**Jacqueline Azzopardi - Technowash Ltd**

CCT 39/18/MS

17 ta' Gunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Marzu 2018 fejn talbu s-somma ta' €801.23, u dan wara li hadu seba' purtieri (*sheers*) ghand l-azjenda intimata ghall-hasil, liema purtieri sfaw dannegjati fil-process tal-hasil.

Ra r-risposta tal-intimata Jacqueline Azzopardi pprezentat fit-28 ta' Marzu 2018 fejn eccepiet li t-talba tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-purtieri inhasslu skond l-arti u s-sengha u jekk kien hemm xi hsara, dana ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas da parti taghha jew tal-azjenda intimata, izda ghal fatt illi purtiera minnhom kellha diffett fil-materjal fejn il-purtieri l-ohra bdew jehlu maghha matul il-process tal-hasla.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi f'Novembru 2017, ir-rikorrent Patrick Galea ha seba' purtieri ghand l-azjenda intimata ghal hasil. Mar jigborhom xi xahar wara u ta' dan hallas is-somma ta' €208.00 (ara dok A u B). X'hin mar ghalihom innota xi haga kannella fil-purtieri u meta staqsa l-intimata dwarha qaltlu li purtiera minnhom kien fiha tizrita minn fuq ghall-isfel izda qaltlu li meta ddendilha, din ma tidhirx. Meta mar id-dar, il-mara tieghu infaqghet tibki minhabba l-istat hazin tal-purtieri li kienu fihom toqob u tizrit. Ir-rkorrent mar lura ghand l-intimata u talabha spjegazzjoni u ghalkemm insistiet li dan ma kienx tort taghha, zammithom biex tara jekk missierha Emanuel Azzopardi (li ghandu esperjenza) seta' jaghmel xi haga. Meta r-rikorrent ma ha l-ebda sodisfazjon irrirkorra quddiem dan it-Tribunal.

Illi min-naha l-ohra Jacqueline Azzopardi kkonfermat illi r-rikorrenti kienu klijenti taghha ghal dawn l-ahhar tnax - il sena u kienet hasslet l-istess purtieri mill-inqas darbtjen qabel din l-okkazjoni. Tghid ukoll li l-purtieri inhasslu f'daqqa u li purtiera minnhom kellha *braiding* li kien qisu bix-

xewk li nfetah u li meta kienu flimkien fil-magna, l-purtieri l-ohra setghu gew milqutin minn dan il-*braid*. Ikkonfermat illi din il-purtiera kienet l-unika wahda bid-difett u li l-ohrajn kellhom *braiding* ta' kwalita' differenti.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu s-somma ta' €801.23 - kwantu ghal €208.00 - l-ammont illi hallsu ghas-servizz ta' hasil, u kwantu ghal €593.23 - il-prezz ta' seba purtieri. Ghalkemm ir-rikorrenti ma kienx jaf ighid meta nxtraw il-purtieri, kkonferma illi kienu nhasslu xi sentejn qabel. It-Tribunal ghalhekk huwa propens illi jemmen il-verzjoni moghtija mill-intimata li qalet li l-purtieri kienu nhasslu darbtjen u kien hemm trapass ta' numru ta' snin bejn dawn l-okkazjonijiet. Pero' anke jekk il-purtieri kellhom hames snin jew iktar, dana ma jfissirx illi l-purtieri ma kienux fi stat tajjeb. Emanuel Azzopardi, li xehed f'dawn il-proveduri u li ghandu esperjenza vasta f'dan il-mestier, filwaqt illi xehed illi l-*life expectancy* ta' purtiera sheer hija ta' xi sentejn u nofs u li wara tista' tistenna nuqqas ta' sahha, xehed ukoll illi l-kundizzjoni tal-purtieri tar-rikorrenti ma kenitx daqshekk hazina.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-purtieri kienu ghadhom tajbin ghall-iskop tal-uzu taghhom. Fis-sottomissjonijiet quddiem dan it-Tribunal, jidher illi l-intimata mhijiex qed tikkontesta l-fatt li l-purtieri gralhom il-hsara, izda l-fatt li ma giex ippruvat li l-hsara kienet konsegwenza tal-mod kif inhasslu l-purtieri mill-intimata.

Wara li t-Tribunal ghamel l-apprezament tieghu, jidhirlu illi kollox jorbot fuq ix-xhieda ta' Emanuel Azzopardi li xehed darbtjen quddiem dan it-Tribunal.

Fix-xhieda tieghu, Azzopardi, li ghandu diversi kwalifki, anke internazzonalment, ighid hekk:

*"Fuq dan il-kaz kienet cemplitli t-tifla u qaltli li kienet saret hsara fuq purtiera wahda mill-lot ta' purtieri li kien hemm fl-istess hasla. Il-purtieri kienu l-istess hlief ghal din il-wahda li gralha l-hsara. Il-braiding taghha waqt li kienet qed tinhasel infethet u bl-istess pont tal-istess fibra tal-purtiera qabdet mal-purtiera u ghamlet il-hsara. Din hija xi haga li ma setghetx tigi evitata ghax kollox kien qed jinhasel l-istess. Ovvjament ma tistax tara u ma tistax tigi evitata. Il-braiding kienet iktar harxa mill-braiding originali tan-normal. Il-ponot taghha kienu solid u setghu jigirfu u jaqbad mal-materjal. Is-sinjur qatt ma kellimtu fuq dan il-jaz. <u>Il-materjali rajtu f'idejja u stajt nanalizza ghaliex il-hsara saret. Stajt nara ghaliex il-hsara saret, pero' jien ma kontx involut fil-bidu pero' stajt nara ghaliex il-braiding kienet infethet fil-hasla u t-truf taghha infethu.</u> Jien ma nafx kemm kellhom zmien il-purtieri imma jista' jkun kellhom hames snin ...."*

In kontro-ezami Azzopardi ighid hekk:

*"<u>Mhux jien hsilthom is-sheers u ma spezzjonathomx qabel jien.</u> Mhux jiena ghazilt il-hassla, pero' il-hassla kienet normali u ghandha esperjenza bizzejjed. <u>Wara l-hassla jiena spezzjonajt il-materjal..... kien hemm diffett fil-materjali innifsu u ghalhekk gara dak li gara. Id-difett kien fis-</u>*

*sens li l-braiding tal-purtiera ma kienx proporzjonat skond il-materjal li kien qed jitnaddaf. Dan rajtu wara. Jien meta spezzjonajt rajt id-difett."*

Minn analizi tax-xhieda ta' Emanuel Azzopardi u wara li t-Tribunal ghamel l-apprezament tieghu, huwa sodisfatt illi dan id-difett ma kienx wiehed latenti. Emanuel Azzopardi ghamilha cara illi hu ma kienx involut mill-bidu tal-process u ma kienx hu li hasel il-purtieri. Qal ukoll illi wara li ghamel spezzjoni tal-materjal seta' jinduna ghaliex gara dak li gara.

It-Tribunal jemmen li meta xi hadd jirrikorri ghal servizzi professjonali, ghandu d-dritt li jserrah fuq il-kompetenza u l-esperjenza ta' dak li jkun. Inkella, x'inhu l-punt li tirreklama l-kwalifiki tieghek u li toffri servizz professjonali? Hareg car u tond li malli Azzopardi (il-missier) spezzjona l-materjal, nduna bid-difett mal-ewwel, pero' peress illi ma kienx involut fil-bidu u ma kienx hu li hasel il-purtieri, dana kien tard wisq. It-Tribunal ghalhekk jemmen li l-hsara setghet tigi evitata li kieku l-purtieri ma nhasslux f'daqqa. Mhemmx ghalfejn ikollok kwalifi straordinarji biex tinduna li xi haga illi kapaci tigref u taqbad ma' materjal iehor m'ghandux jithallat fil-magna ma' materjal iehor. Kif xehdet l-intimata stess, purtiera minnhom kien qisu bix-xewk u jinfetah. Dan il-fatt biss kien bizzejjed biex iservi bhala sinjal ta' twissija li dik il-purtiera ma kellhiex tinhasel mal-ohrajn.

It-Tribunal jaqbel mal-argument tar-rikorrenti u cjoe' li l-purtieri haduhom fi stat tajjeb u gew lura bil-hsara, u dan konsegwenza ta' nuqqas ta' hila fil-professjoni u/jew prevedibilta' fil-mod li nhasslu l-purtieri. Ghal dak li jirrigwarda l-quantum ghalkemm it-Tribunal ihoss illi c-cifra ta' €208.00 ghandha tigi rifuza fl-intier taghha, t-Tribunal ihoss illi ghandu jkun hemm temperament *arbitrio bono viri* ghal dak li jirrigwarda l-prezz tal-purtieri (€593.00 ghal seba purtieri), li tajjeb jew hazin ma kienux godda.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimata/ l-azjenda intimata solidalment ihallsuhom s-somma ta' erba mija u tmienja u tmenin Euro (€488.00). Bl-ispejjez kontra l-intimata/ l-azjenda intimata.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru